

# DEĊIŻJONIJIET 1

tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
dwar il-Varjanti Ortografiċi – 2008

## Lista alfabetika tal-kliem li ttieħdet deċiżjoni dwaru

Dawn id-deċiżjonijiet saru uffiċjali
fil-25 ta' Lulju 2008 bil-pubblikazzjoni
tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern,
u kulħadd għandu jfittex li jidra
l-forom magħżula mill-aktar fis. Madankollu,
il-forom li hawnhekk
huma mwarrba jibqgħu validi
sal-25 ta' Lulju 2011.
Wara din id-data, jitqiesu
bħala tajbin il-forom magħżula
f'dan id-dokument biss.

**Xi simboli li qed jintużaw**

Il-kitba **bil-blu** tindika element li jista' jinbidel u jidħol kliem ieħor floku (eż. **aġent direttur** jew **aġent president**).

Il-vokali [i] miktuba fil-għoli (eż. $^{i}$**lbieraħ**) qed tintuża biex tindika l-vokali tal-leħen, u hawnhekk mhix meqjusa fl-ordni alfabetiku. Mela $^{i}$**lbieraħ** tfittixha taħt il-**L**.

In-numri wara kull kelma jirreferu għat-taqsima tad-*Deċiżjonijiet 1* li fiha ġiet deċiża l-kelma (eż. **afli** hija deċiża fid-*Deċiżjonijiet 1* fit-taqsima 3.2.1).

+ = din tkun kategorija li tista' tinkludi eżempji oħra barra dak li ngħata.
**A** = Appendiċi A
**B** = Appendiċi B
= Ara taħt ...

# A


**afli** [= żgur li] 3.2.1; A
**Afrika, Afrikan** [~~Affrika~~, ~~Affrikan~~] 5.4
**aġent direttur** (**president**, eċċ.) + 3.2.2.4
**akkrettu** 4.2; A
**a la Taljana** (**xanxè**, eċċ.) + 3.1.4
**allaħares** [= gwaj jekk jiġri hekk] 3.2.1; A
**ammen** [~~amen~~] 5.2
**anti-Amerikan** + (prefiss + *sing* + ittra kapitali) 3.2.2.2
**antieroj** + 3.2.2.1,n1
**antiinflammatorju** / **antinflammatorju** + 3.2.2.1,n2
**anti-Amerikan** + (prefiss + *sing* + ittra kapitali) 3.2.2.2
**apposta** (+ **t'apposta, tal-apposta, għal t'apposta, għal tal-apposta**) 3.2.1; A
**arabesk, Arabiżmu, Arabja** [~~għarabesk~~, ~~Għarabiżmu~~, ~~Għarabja~~] (iżda **Għarab, Għarbi**) 5.3
**arċiimmatur** / **arċimmatur** + 3.2.2.1,n2
**arċiimmatur** (**giddieb**, eċċ.) + 3.2.2.3
**assistent kummissarju** + 3.2.2.4
**awlillejl** / **ewlillejl** [= il-lejla ta' qabel] 3.2.1; A
**awtoanaliżi** (**suġġestjoni**, eċċ.) + 3.2.2.1,n1
**Awwissu** [~~Awissu~~] 5.2
**ażma, ażmatiku** [~~ażżma~~, ~~ażżmatiku~~] 5.2


# B


**barra minn dan** 3.2.1; B
**barra minn hekk** 3.2.1; B
**beħsiebu** / **biħsiebu** [= għandu f'moħħu li] 3.2.1; A
**bejn ħaltejn** [~~ħalltejn~~] 5.3
**beritta** [~~berritta~~] 5.2
**bħalissa** [= f'dan il-ħin/żmien] 3.2.1; A
**bħalkieku** / **bħallikieku** [= qisu] 3.2.1; A
**bħall-bieraħ, bħall-biraħtlula** (iżda: $^{i}$**lbieraħ**, $^{i}$**lbiraħtlula**) 3.2.1
**bħal-lum** (iżda: $^{i}$**llum**) 3.2.1
**bħalma** 3.2.1; A
**bħal meta** 3.2.1; B
**bħal xejn** 3.2.1; B
**Bibbja** 5.4
**bibliku, biblista** [~~bibbliku~~, ~~bibblista~~] 5.4
**l-bidu nett** 3.1.3
**bies** (pl. **bisien**) [~~bież~~] 5.1
**biħsiebu** → **beħsiebu** 3.2.1; A
**bilfors** (+ **ta' bilfors**) 3.2.1; A
**bilġri** [= dlonk] 3.2.1; A
**bilħaqq** [= qed niftakar] 3.2.1; A
**bilkemm** [= kważi] 3.2.1; A
**bil-kif** [= immensament] 3.2.1; B
**billejl** [= waqt il-lejl] 3.2.1; A
**bilqiegħda** 3.2.1; A
**bilwieqfa** 3.2.1; A
**binhar** [= waqt il-ġurnata] 3.2.1; A
**biżżejjed** [= mhux iktar] 3.2.1; A
**bużbież** [~~busbies~~] 5.5
**bużbużnannu** + 3.2.2.3

# D

| | |
|---|---|
| **dakinhar** [= f'dak il-jum/iż-żmien] | 3.2.1; A |
| **dalgħodu** | 3.2.1; A |
| **dal-ħin** | 3.2.1; B |
| **dal-lejl** | 3.2.1; B |
| **dalwaqt** (ġieli mqassra: **daqt**) [= fi ftit ħin ieħor] | 3.2.1; A |
| **daparti** | 3.2.1; A |
| **daqshekk** (+ **għal daqshekk, minn daqshekk**) | 3.2.1; A |
| **daqskemm** | 3.2.1; A |
| **daqskieku**, **daqslikieku** | 3.2.1; A |
| **daqstant** | 3.2.1; A |
| **daqsxejn** [= ftit] (+ **għal daqsxejn**) | 3.2.1; A |
| **daqt** → **dalwaqt** | 3.2.1; A |
| **darba fill** [= rari] | 3.2.1; B |
| **dawramejt** 3.2.1; A | |
| **dażgur** [= bla dubju] | 3.2.1; A |
| **denn** (pl. **denji**) [~~*den*~~, ~~*dennji*~~] | 5.2 |
| **deputat kap** + | 3.2.2.4 |
| **dettall** (pl. **dettalji**), [i]**ddettaljat** [~~*dettal*~~, ~~*dettallji*~~, [i]~~*ddettalljat*~~] | 5.2 |
| **dgħufija** [~~*djufija*~~, ~~*dgħjufija*~~] | 5.3 |
| **diq**, **diqa** [~~*dieq*~~, ~~*dieqa*~~] | 5.3 |
| **duħ** [~~*dugħ*~~] | 5.1 |
| **dvalja** [~~*tvalja*~~] | 5.1 |
| **dverna** [~~*tverna*~~] | 5.1 |

# E

| | |
|---|---|
| **elettriċità** 4.2 | |
| **elettriku** (iżda: **elettriċità**, eċċ.) | 4.2 |
| **ewlillejl** → **awlillejl** | 3.2.1; A |
| **ewwieq** [~~*ewieq*~~] | 5.2 |

# F

| | |
|---|---|
| **fil-fatt** [= fir-realtà] | 3.2.1; B |
| **filgħaxija** / **filgħaxija** | 3.2.1; A |
| **filgħodu** | 3.2.1; A |
| **fill** → **darba fill** | 3.2.1; B |
| **filwaqt li** [= fl-istess ħin li] | 3.2.1; A |
| **fl-aħħar** [= finalment] (+ **sa fl-aħħar**) | 3.2.1; B |
| **flgħaxija** → **filgħaxija** | 3.2.1; A |
| **f'sikktu** (**f'sikkti**, **f'sikkithom**, eċċ.) [~~*f'siktu*~~] | 5.3 |

# Ġ

| | |
|---|---|
| **ġaladarba** 3.2.1; A | |
| **ġieli** [= xi drabi] | 3.2.1; A |
| **ġiex** (+ **ġixt** bit-**t** marbuta) [~~*ġix*~~] | 5.2 |
| **ġol-università** + | 3.2.6 |

# G

| | |
|---|---|
| **gastrointestinali** + | 3.2.2.1,n1 |
| **Gran Mastru** + | 3.2.2.4 |
| **grankè** | 3.2.2.4,n2 |

## Għ


**għadda minn għala widnejh** 3.1.5

**għad illi, għad li** 3.2.1; B

**għafrit** [~~għafrid~~] 5.1

**għaġla** [~~għaġġla~~] 5.3

**għajjat** (verb tat-2ni forma) [~~għajat~~] 5.2

**għajjat** (nom verbali bit-2ni vokali twila) [~~għajat~~] 5.2

**għala biebu** [= ma jimpurtah minn xejn] 3.1.5

**għala dejjem** [= għal dejjem] 3.1.5

**għala għajnu** [= ma jimpurtahx] 3.1.5

**għal biex** [= sabiex] 3.2.1; B

**għal daqshekk** → **daqshekk** 3.2.1; B

**għaldaqstant** [= madankollu] 3.2.1; A

**għal daqsxejn** → **daqsxejn** 3.2.1; B

**għalfejn** [= għal liema skop] 3.2.1; A

**għal għarrieda** 3.2.1; B

**għalhekk** [= għal dan l-iskop] 3.2.1; A

**għalissa** [= sakemm jinbidlu l-affarijiet] 3.2.1; A

**għalkemm** [= minkejja li] 3.2.1; A

**għalkollox** [= totalment] 3.2.1; A

**għall-aħħar** [= estremament] 3.2.1; B

**għall-anqas, għall-inqas** (iżda: **lanqas**) 3.2.1; B

**għall-bieraħ, għall-biraħtlula** (iżda: **[i]lbieraħ, [i]lbiraħtlula**) 3.2.1

**għal-lejla** (iżda: **[i]llejla**) 3.2.1; B

**għal li** 3.2.1; B

**għal-lum** (iżda: **[i]llum**) 3.2.1

**għal tal-apposta, għal t'apposta** → **apposta** 3.2.1; B

**għalxejn** [= bla riżultat siewi] 3.2.1; A

**għal xiex** 3.2.1; B

**Għarab, Għarbi** (iżda: **arabesk, Arabiżmu, Arabja**) 5.3

**għarax / għarrax** [~~għargħax~~] 5.5

**għarkaża** → **għarukaża** 3.2.1; A

**għarkopptejh / għarkupptejh** [~~għarkobbtejh~~, ~~għarkubbtejh~~] 5.1

**għarrax** → **għarax** 5.5

**għarrieda** → **għal għarrieda** 3.2.1; B

**għarukaża, għarkaża** [= għajb] 3.2.1; A


## H


**hawnhekk** 3.2.1; A

**hemmhekk** 3.2.1; A

**heżżeż** [~~heżheż~~] 5.5


## Ħ


**ħaltejn** → **bejn ħaltejn** 5.3


## I


**id / id- / jd-** skont il-pronunzja (eż. *aħsel idek, aħsel idejk, erfa' idek, erfa' jdejk, tini idek, tini jdejk, f'idek, f'idejk*) 5.2

**imb** (fil-frażijiet **ras imb ras, riħ imb riħ, wiċċ imb wiċċ**) [~~imb'~~] 5.2

**impieg / impjieg** (iżda: **impjegat**) 4.2

**indipendenti** 3.2.2.1

**indenn** (f. **indenja**, pl. **indenji**) [~~inden~~] 5.2

**infatti** [= tant hu hekk li] 3.2.1; A

**inġenerali** [= kollox ma' kollox] 3.2.1; A

**inizjattiva** [~~*inizzjattiva*~~] 5.2
**inkonsiderazzjoni** [= meqjus, ikkalkulat] 3.2.1; A
**inkwadra** 4.2
**inkwantu** [= bħala, b'riferenza għal] 3.2.1; A
**inkwatru** 4.2
**inkwistjoni** 3.2.1; A
**insè** 3.2.1; A
**intant** [= sadanittant] 3.2.1; A
**inter-Mediterranju** + 3.2.2.2
**Iżlam**, **Iżlamiku** [~~*Islam*~~, ~~*Islamiku*~~] 5.2
**iżża ħajr** 3.2.1; B

## J

**jalla** [= nixtieq ħafna li] 3.2.1; A

## K

**'k** (bħala **jekk** imqassra) [~~*'kk*~~] 5.2
**'k Alla jrid** 5.2
**Kap Kmandant** + 3.2.2.4
**karozza** [~~*karrozza*~~] 5.2
**każbar** [~~*kasbar*~~] 5.1
**kemxejn** [= ftit] 3.2.1; A
**kofinanzjat** + 3.2.2.1
**kooperattiva** / **koperattiva** + 3.2.2.1,n2
**koordinatur** / **kordinatur** + 3.2.2.1,n2
**kontra** (iżda: **kontrija**, **kontrik**, eċċ.) 3.2.7
**kontrija**, **kontrik**, **kontrina**, eċċ. + 3.2.7
**kontroeżami** + 3.2.2.1,n1
**kreditur** (iżda: **krettu**, **akkrettu**) 4.2
**krettu** [= fiduċja, stima] 4.2
**kulħadd** [= in-nies kollha] 3.2.1; A
**kuljum** [= f'kull ġurnata] 3.2.1; A
**kull darba** 3.2.1; B
**kull fejn** 3.2.1; B
**kullimkien** [= f'kull post] 3.2.1; A
**kull meta** 3.2.1; B
**kull min** 3.2.1; B
**kull xejn** 3.2.1; B
**kulma** [= dak kollu li] 3.2.1; A
**kultant** [= xi drabi, mhux dejjem] (+ **xi kultant**) 3.2.1; A
**kuritur** / **kurutur** [~~*kuridur*~~] 5.2
**kwadru** (iżda: **inkwatru**, **inkwadra**) 4.2

## L

**la ġenba** [= għall-ġenb] 3.1.4
**la Maltija** + [= bi stil Malti, kif jagħmlu l-Maltin] 3.1.4
**labranzetta**, **lambranzetta** 3.1.4,n
**ladarba** [= issa la] 3.2.1; A
**l-aħħar nett** 3.1.3
**lakemm** [= kemm] 3.2.1; A
**lanqas** (iżda: **għall-anqas**, **mill-anqas**, **tal-anqas**) 3.2.1; A
$^{i}$**lbieraħ** (iżda: **bħall-bieraħ**, **mill-bieraħ**, **tal-bieraħ**, eċċ.) 3.2.1; A
$^{i}$**lbiraħtlula** (iżda: **għall-biraħtlula**, **mill-biraħtlula**, eċċ.) 3.2.1; A
**lembuba** [~~*lenbuba*~~] 5.1

**l-ewwel nett** 3.1.3
**liema bħalu, liema bħalha**, eċċ. 3.2.1; B
**lil hawn** 3.2.1; B
**lil hemm** 3.2.1; B
**lil hinn** 3.2.1; B
**linji gwida** 3.2.1; B
$^{i}$**llaħwa, xi llaħwa** 3.2.1; A
$^{i}$**llejla** [= tard illum] (iżda: **sal-lejla, tal-lejla, mil-lejla**, eċċ.) 3.2.1; A
$^{i}$**llum** (iżda: **bħal-lum, mil-lum**, **sal-lum, tal-lum,** eċċ.) 3.2.1; A
**lura** 3.2.1; A

## M

**ma afdax / m'afdax** + 3.2.4
**ma għażilx / m'għażilx** + 3.2.4
**ma hemiżx / m'hemiżx** + 3.2.4
**ma infurmatx (interroganix)** + 3.2.4,n
**ma' Elena / m'Elena** + 3.2.3
**ma' għeluq is-sena / m'għeluq is-sena** + 3.2.3
**madanakollu, madankollu** [= iżda] 3.2.1; A
**madwar** 3.2.1; A
**maġenb** [= fuq naħa waħda ta'] 3.2.1; A
**magna** (iżda: **makkinarju**) 4.2
**Magreb** [~~Magħreb~~] 5.3
**ma għandux / m'għandux** 3.2.4
**ma hawnx / m'hawnx** 3.2.4
**ma hemmx / m'hemmx** 3.2.4
**m'aħna** [~~maħna~~] 3.2.5
**m'aħniex** [~~maħniex~~] 3.2.5
**makkinarju** (iżda: **magna**) 4.2
**mal-erbat irjieħ** + 3.2.6
**manġapassiġġa** 3.2.1; A
**matul** [= għal kemm itul] 3.2.1; A
**mhi** [~~m'hi~~] 3.2.5
**mhija** [~~m'hija~~] 3.2.5
**mhijiex** [~~m'hijiex~~] 3.2.5
**mhix** [~~m'hix~~] 3.2.5
**mhu** [~~m'hu~~] 3.2.5
**mhuma** [~~m'huma~~] 3.2.5
**mhumiex** [~~m'humiex~~] 3.2.5
**mhuwa** [~~m'huwa~~] 3.2.5
**mhuwiex** [~~m'huwiex~~] 3.2.5
**mhux** [~~m'hux~~] 3.2.5
**mill-anqas** (iżda: **lanqas**) 3.2.1; B
**mill-bieraħ, mill-biraħtlula** (iżda: $^{i}$**lbieraħ,** $^{i}$**lbiraħtlula**) 3.2.1
**mil-lejla** (iżda: $^{i}$**llejla**) 3.2.1
**mill-inqas** (iżda: **lanqas**) 3.2.1; B
**mil-lum** (iżda: $^{i}$**llum**) 3.2.1
**minbarra** [= apparti] 3.2.1; A
**minflok** 3.2.1; A
**minfuq** [= minkejja li] 3.2.1; A
**mingħajr** 3.2.1; A
**mingħalija, -k, -h**, eċċ. [= sa fejn nista' niftakar, eċċ.] 3.2.1; A
**mingħand** 3.2.1; A
**m'iniex / m'jiniex** [~~miniex~~, ~~mjiniex~~] 3.2.5
**minn bejn** 3.2.1; B

**minn daqqiet**, **minn xi daqqiet** 3.2.1; B
**minn daqshekk** → **daqshekk** 3.2.1; B
**minn fejn** 3.2.1; B
**minn tagħna** [= dħuli] 3.2.1; B
**minnufih** [= dlonk] 3.2.1; A
**minn xi daqqiet** 3.2.1; B
**m'int** [~~*mint*~~] 3.2.5
**m'inti** [~~*minti*~~] 3.2.5
**m'intix** [~~*mintix*~~] 3.2.5
**m'intom** [~~*mintom*~~] 3.2.5
**m'intomx** [~~*mintomx*~~] 3.2.5
**m'intx** [~~*mintx*~~] 3.2.5
**m'jien** [~~*mjien*~~] 3.2.5
**m'jiena** [~~*mjiena*~~] 3.2.5
**m'jienx** [~~*mjienx*~~] 3.2.5
[i]**mnalla** 3.2.1; A

## N

**nagħaġ** [~~*ngħaġ*~~] 5.3
**naħnaħ** [~~*nagħnagħ*~~] 5.1
[i]**n-nofsiegħa** [= 12.30 am jew 12.30 pm]
(ara wkoll **nofs siegħa**). 3.2.1; A
**nofsiegħa** → [i]**n-nofsiegħa** 3.2.1; A
**nofsillejl** [= 12.00 am] 3.2.1; A
**nofsinhar** [= 12.00 pm] 3.2.1; A
**nofs siegħa** [= kull perjodu ta' 30 minuta]
(ara wkoll **nofsiegħa**) 3.2.1; B
**nofstanhar** (pl. **nofstanhari / nofstanharijiet**) 3.2.1; A

## P

**pan-Afrikan** + 3.2.2.2
**peprin** [~~*pepprin*~~] 5.2
**pereżempju** [= bħala eżempju] 3.2.1; A
**perkażu** [= bħala eżempju] 3.2.1; A
**pezzakustjoni** [= ġellied, kustinjuż] 3.2.1; A
**poliklinika** + 3.2.2.1
**postpost-Moderniżmu** + 3.2.2.3
**predikatur** (iżda: **prietka**) 4.2
**prietka** [~~*priedka*~~] 4.2
**Prim Ministru** + 3.2.2.4
**prim'awla** + 3.2.2.4
**primadonna** 3.2.2.4,n2
**pro-Ingliż** + (prefiss + *sing* + ittra kapitali) 3.2.2.2
**psewdointellettwali** + 3.2.2.1,n1

## Q

**qabelxejn** [= fil-bidu nett] 3.2.1; A
**quddiem nett** 3.1.3

## R

**radjudramm** 3.2.1; A
**ras imb ras** [~~*ras imb'ras*~~] 5.2
**riħ imb riħ** [~~*riħ imb'riħ*~~] + 5.2
**risq** [~~*riżq*~~] 5.1

**rkoppa** (+ **għarkopptejh/għarkupptejh**) [~~rkobba~~, eċċ.] 5.1
**ruxxmata** [~~ruxmata~~] 5.2

## S

**sa April / s'April** + 3.2.3
**sa Awwissu / s'Awwissu** + 3.2.3
**sa issa / s'issa** + 3.2.3
**sa Ottubru / s'Ottubru** + 3.2.3
**sadanittant, sadattant** [= f'din il-medda ta' ħin/żmien] 3.2.1; A
**sa fejn** 3.2.1; B
**sa fl-aħħar** [= finalment] → **fl-aħħar** 3.2.1; B
**safrattant** [= minkejja kollox] 3.2.1; A
**sakemm** [= sa dak il-ħin/iż-żmien meta] 3.2.1; A
**sal-aħħar** 3.2.1; B
**sal-bieraħ, sal-biraħtlula** (iżda: $^{i}$**lbieraħ,** $^{i}$**lbiraħtlula**) 3.2.1
**sal-għalqa** + 3.2.6
**sal-Italja** + 3.2.6
**sal-lejla** (iżda: $^{i}$**llejla**) 3.2.1
**sal-lum** (iżda: $^{i}$**llum**) 3.2.1
**santafjakka** [= lajma kbira] 3.2.1; A
**santapaċenzja** [= lajma u sabar kbir] 3.2.1; A
**sekond kuġin** + 3.2.2.4
**semiawtomatiku** + 3.2.2.1,n1
**semifinali** + 3.2.2.1
**sewwasew** [= eżattament] 3.2.1; A
**sikktu** → **f'sikktu** 5.3
**sindku** 4.2,n
**skansafaċendi** [= għażżien, skartatur] 3.2.1; A
**skont** [~~skond~~] 5.1
**sogħobbih** (**jisgħobbih**, eċċ.) 3.2.1; A
**soptu** → **zoptu** 5.1
**sottokumitat** + 3.2.2.1
**stabene** [= għani, għandu ħafna ġid] 3.2.1; A
**subien** [~~subjien~~] 5.2

## T

**ta' April / t'April** + 3.2.3
**ta' hemmhekk / t'hemmhekk** + 3.2.3
**ta' Ugo / t'Ugo** + 3.2.3
**ta' bilfors** → **bilfors** 3.2.1; B
**tabilħaqq** [= tassew] 3.2.1; A
**tabirruħu** [= taparsi] 3.2.1; A
**tal-Amerikani** + 3.2.6
**tal-anqas** (iżda: **lanqas**) 3.2.1; B
**tal-apposta** → **apposta** 3.2.1; B
**tal-bieraħ, tal-biraħtlula** (iżda: $^{i}$**lbieraħ,** $^{i}$**lbiraħtlula**) 3.2.1
**tal-ħena** + 3.2.6
**tal-inqas** (iżda: **lanqas**) 3.2.1; B
**tal-lejla** (iżda: $^{i}$**llejla**) 3.2.1
**tal-lum** (iżda: $^{i}$**llum**) 3.2.1
**tal-orsijiet** + 3.2.6
**tampar** [= għandu l-istess età ta'] 3.2.1; A
**taparsi** 3.2.1; A
**t'apposta** → **apposta** 3.2.1; B
**t-tarf nett** 3.1.3

**tassew** 3.2.1; A
**teledramm** 3.2.1; A
**terz’ordni** + 3.2.2.4
**terza persuna** + 3.2.2.4


## U

**użufrutt** 3.2.1; A


## V

**viċi sindku** + 3.2.2.4
**viċirè** 3.2.2.4,n2


## W

**wara nett** 3.1.3
**wara nofsinhar** [= wara 12.00 pm] → **nofsinhar** 3.2.1; B
**waranofsinhar** [= minn nofsinhar sa kmieni filgħaxija] 3.2.1; A
**wiċċ imb wiċċ** [~~wiċċ imb’wiċċ~~] + 5.2


## X

**xbieha** (pl. **xbihat**) [~~xbiha~~] 5.3
**xhieda** (= testimonjanza / nies li jixhdu) [~~xiehda~~] 5.3
**xħin** [= meta, waqt li] 3.2.1; A
**xi ħadd** 3.2.1; B
**xi ħaġa** 3.2.1; B
**xi kultant** → **kultant** 3.2.1; B
**xi llaħwa** → $^{i}$**llaħwa** 3.2.1
**xi minn daqqiet** 3.2.1; B
**xi mkien** 3.2.1; B


## Ż

$^{i}$**żżejjed** [= wisq] 3.2.1; A


## Z

**zoptu / soptu** [~~zobtu~~/~~sobtu~~] 5.1

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni
Il-Furjana

kunsilltalmalti@gov.mt
www.kunsilltalmalti.gov.mt

**Dan il-ktejjeb jista' jinsilef jew jingħata b'xejn jew ikun iffotokopjat**